**EŻAMIJIET ANNWALI TAL–*JUNIOR LYCEUM***
**U TA' L–ISKOLA SEKONDARJA 2005**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

---

**IL–ĦAMES SENA** **STORJA** **ĦIN: Siegħa u tliet kwarti**

---

Isem : _______________ Klassi: _____________

## A: Aqta' sing taħt it-tnejn tajbin:

1. **Żewġ postijiet** fejn sibna **fdalijiet Puniċi** (Kartaġiniżi)
*Tas-Silġ, Għajn Tuffieħa, Blata l-Bajda, Ta' Ħaġrat, Żurrieq, Kemmuna*

2. **Żewġ postijiet** fejn sibna **mużajk ta' Żmien ir-Rumani**:
*Valletta, Għajn Tuffieħa, Ħaġar Qim, Ħalsaflieni, Rabat, Skorba*

3. **Żewġ siti storiċi** li ġew restawrati u qed jiġu ikkurati minn għaqda volontarja.
*Għar Dalam, Kappella ta' Birmiftuħ, Tas-Silġ, Borġ in-Nadur, Kappella ta' Ħal Millieri.*

4. **Żewġ għaqdiet volontarji** li qed jaħdmu favur ir-restawr u l-konservazzjoni ta' siti storiċi:
*Din l-Art Ħelwa, Greenpeace, Fondazzjoni Wirt Artna, Birdlife, Nature Trust, Malta Tourism Authority.*

5. **Żewġ postijiet** fejn sibna **fdalijiet ta' Żmien il-Bronż**:
*Baħrija, Ġgantija, Borġ in-Nadur, Corradino, San Anard, Karwija.*

(2 marki x 5 = 10 marki)

## B: Imla l-vojt b'waħda minn dawn li ġejjin: (**Kull waħda trid tużaha darbtejn**)

*Għar Dalam; Ħaġar Qim; Ġgantija; Ħalsaflieni*

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Tempju Megalitiku fil-limiti tal-Qrendi | |
| 2 | Hawn sibna l-eqdem fdalijiet Neolitiċi fil-Gżejjer Maltin | |
| 3 | Hawn sibna l-ikbar numru ta' statwi ta' nisa ħoxnin | |
| 4 | Fil-limiti ta' Birżebbuġa; prova li l-Gżejjer Maltin kienu parti mill-kontinent | |
| 5 | Qrib ix-Xagħra Għawdex | |
| 6 | Hawn insibu l-Oraklu u s-Sancta Sanctorum | |
| 7 | Fil-limiti ta' Raħal Ġdid | |
| 8 | Hawn intuża l-mazkan (taħlita ta' zkuk u tafal) | |

(1 x 8 = 8 marki)

## C: Aqra sew dan li ġej imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet:

## It-TEMPJI ta' ĦAL TARXIEN: (*a World Heritage Site*)



Ritratt **A**



Ritratt **B**

Fit-23 ta' Settembru 2003 ġie ffirmat ftehim bejn il-Bank of Valletta (BOV) u Heritage Malta (HM). Permezz ta' dal-ftehim il-BOV intrabat li jipprovdi l-fondi neċessarji għall-*Konservazzjoni* u l-*Preservazzjoni* tat-tempji ta' Ħal Tarxien.

L-ewwel skavi fuq it-tempji saru minn Sir Temi Żammit, u tlestew fl-1919. Kif sar jaf bihom Temi Żammit? Fl-1913 huwa kien qiegħed ilesti l-iskavi ta' l-Ipoġew ta' Ħalsaflieni. Xi bdiewa qalu lil Sir Temi li waqt iż-żrigħ, il-moħriet kien qiegħed jaħbat ma' blokki kbar ta' ġebel. Sir Temi talab lil sid l-għalqa jħaffer trinka. Mill-ewwel inkixfu żewġ blokki megalitiċi. Sir Temi mexxa skavi fuq it-tempji ta' Ħal Tarxien bejn l-1915 u l-1919. Il-faċċata tat-tempji twaqqfet mill-ġdid (ara ritratt **A**). Saru iktar skavi bejn l-1921 u l-1958. Fl-1950 inbnew xi kmamar u faċilitajiet għall-viżitaturi.

L-aħħar skavi saru lejn l-1997 mid-Dipartiment tal-Mużewijiet. Saru fejn saru, l-iskavi dejjem taw sejbiet ġodda. Ħal Tarxien hemm iktar minn tempju wieħed. Hemm min jgħid li anke l-Ipoġew ta' Ħalsaflieni kien jifforma parti minn dan il-kumpless preistoriku.

Kienet idea tajba ħafna meta bosta fdalijiet prezzjużi mit-tempji ta' Ħal Tarxien tneħħew minn fuq il-post u ttieħdu f'kamra apposta fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija (ara ritratt **B**). Fit-tempji ġo Ħal Tarxien wieħed xorta jista' jara repliki (kopji) ta' dawn il-fdalijiet. Dawn ir-repliki, illum jinsabu f'kundizzjoni ħażina, u l-BOV u l-Heritage Malta qed jaħsbu biex jagħmlu kopji oħra mill-ġdid.

Bejn is-snin 2000 u l-2001 kumitat xjentifiku identifika theddid serju għat-tempji megalitiċi. Dawn it-theddidiet ġejjin mix-xita, mix-xemx, mill-viżitaturi, mill-ħaxix salvaġġ u mir-riħ. Wara x-xogħol li għamel dan il-kumitat, xi partijiet mit-tempji ġew mgħottija bil-pjanċi jew bil-plastik. Fil-passat, tiswijiet li saru bis-siment u l-konkrit għamlu iktar ħsara milli ġid.

Permezz tal-konvenzjoni ta' l-1972, il- UNESCO (United Nations Educational, Scientific & Cultural Organization) tista' tikteb siti ta' importanza kbira fil-lista msejħa **WORLD HERITAGE SITES**. It-tempji tal-Ġgantija iddaħħlu f'din il-lista fl-1980. Dawk ta' Ħal

Tarxien inkitbu fil-lista fl-1992. Il-Gvern Malti intrabat li jieħu ħsieb it-tempji għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Fil-preżent, madwar 100,000 persuna jżuru t-Tempji ta' Ħal Tarxien kull sena. L-iktar li jżuruhom huwa fir-rebbiegħa u l-ħarifa.

**WIEĠEB billi taqta' sing taħt it-tajbin jew billi timla l-vojt**:

1. Ix-xogħlijiet biex jiġu ippreservati aħjar it-Tempji ta' Ħal Tarxien se jiġu iffinanzjati minn: (a) għaqda volontarja (b) dipartiment tal-gvern (c) ħanut tat-turisti (d) bank kummerċjali (1)

2. L-iskavi fuq it-tempji ta' Ħal Tarxien immexxija minn Sir Temi Żammit saru: (a) fit-18 –il Seklu (b) fis-Seklu 20 (c) fil-Preistorja (d) qabel Kristu (1)

3. Ħal Tarxien instabu bosta fdalijiet importanti bħal altari tal-ġebel imżejnin. Biex jiġu ippreservati, dawn il-fdalijiet: (a) ittieħdu l-Mużew ta' l-Arkeoloġija (b) ġew mgħottija bil-kanvas (c) inżebgħu biż-żebgħa tar-ramel (d) inħbew (1)

4. Fit-tempji megalitiċi ta' Ħal Tarxien:
   (a) instab Ipoġew
   (b) inbniet universita`
   (c) instabet l-ikbar statwa tal-Mara l-Ħoxna
   (d) instabu l-għadam ta' bnedmin offruti bħala sagrifiċċju (1)

5. Liema kien l-ewwel tempju megalitiku fil-Gżejjer Maltin li ddaħħal fil-lista tal-UNESCO, il-*World Heritage Sites*? ______________________________ (1)

6. Ritratt **B** hawn fuq jurina li missirijietna:
   (a) injoraw il-problemi tat-tempji megalitiċi ta' Ħal Tarxien
   (b) kissru t-tempji ta' Ħal Tarxien
   (c) ippruvaw jippreservaw it-Tempji ta' Ħal Tarxien. (1)

7. Ritratt **A** jurina kif x'aktarx kienet (l-entratura, l-altar, il-bitħa) tat-Tempji ta' Ħal Tarxien. (1)

8. Semmi problema serja li qed tagħmel ħsara lit-Tempji ta' Ħal Tarxien: (1)

9. X'inhuma **Skavi**? ______________________________________________
   ________________________________________________________ (2)

(Total = 10 marki)

**D**: Il-Medju Evu: (Aqra dan li ġej)



*Il-Medju Evu huwa ż-żmien ta' wara l-Ħakma Rumana u jasal sal-bini tal-Belt Valletta, mibdija mill-Kavallieri fl-1566. Matul il-Medju Evu, il-Gżejjer Maltin inħakmu mill-Għarab, min-Normanni, il-Hohenstaufen, l-Anġuvini u l-Aragoniżi. Il-Kavallieri ħadu l-kontroll tal-Gżejjer Maltin fl-1530.*

**Wieġeb billi taqta' sing jew timla l-vojt**:

1. Il-Belt Kapitali ta' Malta fil-Medju Evu kienet:

   ______________________________________________ (1)

2. Liema reliġjon reġgħet daħlet bil-mod f'Malta wara li ġew in-Normanni fl-1091?

   ______________________________________________ (1)

3. Xi kappelli minflok mibnija bil-ġebla tal-franka, ġew maqtugħin ġol-blat. Kappella maqtugħa mill-blat tissejjaħ:
   - Rumana
   - Griega
   - Troglodita
   - Ambjentali (1)

4. Il-Kappella Medjevali li qed tara fl-istampa fiha xi affreski. X'inhu affresk?

   ______________________________________________________ (1)

5. Aqta' sing taħt l-irħula li llum insejħulhom **MITLUFIN**?
   Ħal Qormi, Ħal Qadi, Ħal Mann, Żejtun, Furjana, Żebbuġ. (2)

(Total = 6 marki)

# E: Il-Kampanja Maltija:







| Sors **A**: il-girna | Sors **B**: ħajt tas-sejjieħ | Sors **C**: razzett Malti |
|---|---|---|

**Wieġeb**:

1. Biex kienet tinkesa l-art tar-razzett? ______________________________ (1)

2. Għalfejn kien jintuża l-maqjel? __________________________________ (1)

3. Agħti kelma waħda minflok: *kamra fuq barra tar-razzett fejn kien jiddaħħal il-karettun*: ______________________________________ (2)

4. Semmi xi ħaġa mir-razzett Malti li mill-Medju Evu saż-żminijiet tal-lum ma nbidlitx: _________________________________________________ (2)

5. Meta tqabbel pjanta ta' razzett ma' dar tal-lum, semmi differenza bażika li tinnota:
   ____________________________________________________________ (2)

6. Kif kienu jkunu msaqqfa l-kmamar tar-razzett? _____________________ (2)

7. X'użu għandu r-razzett Malti llum? : ______________________________
   ____________________________________________________________ (2)

8. Spjega kif tkun mibnija l-*girna*: ________________________________
   ____________________________________________________________ (2)

9. Semmi użu wieħed li jista' jkollha *girna* llum: ____________________
   ____________________________________________________________ (2)

10. Għaliex il-ħajt tas-sejjieħ huwa bżonnjuż ħafna? ____________________
    ____________________________________________________________ (2)

11. Kif tista' ssirlu l-ħsara? ________________________________________ (2)

(total = 20 marka)

**F**: **<u>Aqra din is-silta. Fiha hemm ħames żbalji</u>**:




Is-sajf li għadda Ramon mar *cruise*. Qabel mar, fittex fuq l-Internet dwar il-postijiet li kienu bi ħsiebhom iżuru.

Mill-Port ta' Malta il-*cruise liner* ġibed lejn it-Tuneżija. Mill-port ta' Tunis ħadu *excursion* biex jaraw il-fdalijiet ta' Kartaġni. Kartaġni kienet belt li nqerdet mill-Għarab fit-tielet gwerra Punika. Bil-lejl il-*cruise liner* erħielha lejn il-Libja fejn matul l-*excursion* tal-jum marru bil-*coach* biex jaraw il-fdalijiet li ħallew l-Aragoniżi ġo Sabratha. Ramon interessa ruħu mmens f'dak kollu li ra. Il-lezzjonijiet ta' l-istorja dejjem għoġbuh.

Fit-tielet lejl tal-*cruise* il-vapur ħadhom lejn il-port ta' Lixandra fl-Eġittu. Ġewwa l-Eġittu, skond il-programm kellhom jgħaddu jumejn. L-ewwel jum għaddewh il-Kajr, il-belt kapitali ta' l-Eġittu. Fit-tieni jum Ramon ħassu eċċitat li se jara l-kobor tal-Piramidi, li kienu l-oqbra tas-slaten Kartaġiniżi. Ramon innota li altru tara l-Piramidi fl-istampi, mod ieħor tarahom fil-kobor tagħhom veru. Mill-Eġittu baħħru fil-port ta' Piraeus fil-Greċja. Huma żaru l-Akropoli, li tiġi eżatt maġenb il-belt ta' Istanbul. Ramon ħa gost jara l-fdalijiet ta' dil-belt mibnija fuq għolja biex f'każ ta' assedju, in-nies jistkennu fiha.

Sabu ħin ukoll iżuru l-Parthenon, fejn raw tempju importanti mibni mill-Mori.

Wara li l-għada żaru l-gżira ta' Kreta, irħewlha lura lejn Malta. Il-vjaġġ lejn Malta ħadilhom il-biċċa l-kbira tal-jum. Ramon ħass li permezz ta' dal-*cruise* kien tgħallem ħafna.

**<u>Hawnhekk ikteb il-versjonijiet it-tajbin</u>**:
(l-ewwel waħda mogħtija bħala eżempju)

| | |
|---|---|
| 1 | Kartaġni nqerdet mir-Rumani mhux mill-Għarab. |
| 2 | |
| 3 | |
| 4 | |
| 5 | |

(2 x 4 = 8 marki)

**G**: **<u>Qabbel billi timla numru fil-kaxxi l-vojta</u>**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Doriku, Joniku, Korint | Fdalijiet Griegi qrib il-belt ta' Napli | |
| 2 | Agrigento | Fdalijiet u arkitettura Mora fi Spanja | |
| 3 | Alhambra | Stili arkitettoniċi Griegi | |
| 4 | Paestum | Fdalijiet Griegi fi Sqallija | |

(1 x 4 = 4 marki)

**H**: **<u>Aqra dan li ġej imbagħad wieġeb dawn il-mistoqsijiet</u>**:



*Fl-1800 bdiet il-ħakma Ngliża fuq Malta. Nistgħu ngħidu li l-Ingliżi ħallew effett kbir fuq il-kultura, l-identita` u l-ħajja Maltija.*

1. Semmi tliet affarijiet li tista' tara madwarek fil-Gżejjer Maltin u li jfakkruk fil-ħakma Ngliża fuq Malta:
   (a) ______________________________________________
   (b) ______________________________________________
   (c) ______________________________________________ (3 marki)

2. Liema minn dawn li ġejjin ġabu attivita` kbira f'Malta **fi Żmien l-Ingliżi**? Immarka billi tagħmel sinjal (**X**) fil-kaxxi. Għandek issib **ħamsa**. (5 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-1918) | | Il-Gwerra Ċivili Amerikana | |
| Il-Gwerra Ċivili Spanjola | | It-Tieni Gwerra Dinjija | |
| Il-Gwerra tal-Krimea | | Il-Ftuħ tal-Kanal ta' Swejs | |
| l-Unifikazzjoni tal-Ġermanja | | It-tneħħija taċ-ċensura | |

(total = 8 marki)

**I: Agħmel sinjal (X) taħt il-kolonna t-tajba:**
(L-ewwel waħda hija mogħtija bħala eżempju)

| | Qawwa Barranija | Ħakmet fuq il-Gżejjer Maltin | Uriet interess fil-Gżejjer Maltin | QATT ma ħakmet u QATT ma uriet interess fil-Gżejjer Maltin |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Ġappun | | | X |
| 2 | Kanada | | | |
| 3 | Russja | | | |
| 4 | Franza | | | |
| 5 | Ingilterra | | | |
| 6 | Italja | | | |
| 7 | Svezja | | | |

(1 x 6 = 6 marki)

**J: Ikteb dwar wieħed minn dawn li ġejjin:**
(uża karta separata)

1. Bit-traskuraġni tagħna nistgħu nagħmlu ħsara irreparabbli lill-wirt storiku ta' pajjiżna. Għid kif.

2. Fil-passat il-Gżejjer Maltin ġew użati bħala bażi militari kif ukoll bħala stazzjon għall-kummerċ u l-merkanzija. Illum, fil-bidu tas-Seklu XXI, xi rwoli ġodda għandu pajjiżna?

3. X'jagħmilna Maltin? Semmi u ikteb fil-qosor imqar tliet (3) aspetti ta' l-identita` Maltija.

4. Ikteb ittra qasira lill-Kunsill Lokali tiegħek u issuġġerixxi kif il-wirt storiku tar-raħal tiegħek jista' jkun iktar ikkurat.

(20 marka)